Progressivi Moderati

**Jekk hemm kelma li tista' tgħid tispjega x'inhu l-karattru tal-moviment hija din: il-kelma 'Progress'. Xogħolna huwa li nifhmu u nidentifikaw x'inhu l-progress... liema huma s-soluzzjonijiet... x'irid jinbidel... isir aħjar... x'jista' jitranġa u permezz ta' dan niżviluppaw viżjoni progressiva għal pajjiżna għas-snin li ġejjin.**

**Is-saħħa tal-moviment tinsab fl-identifikazzjoni tas-soluzzjonijiet, fil-ġenerazzjoni tal-ideat. Nixtiequ naraw attitudni inqas partiġġjana u iktar kostruttiva tiżviluppa f'pajjiżna... stil ta' ħsieb ġdid li jwassal biex dak li jkun, apparti li jikkritika, ikun kapaċi jipprovdi u joħroġ bis-soluzzjonijiet.**

**Attitudni oħra li qed nipproponu hija dik ta' ċittadini demokratiċi aktar kritiċi, persuni psikoloġikament liberi mill-'psyche' partiġġjan. Persuni li jagħtu l-vot skont dak li hu l-aħjar għal pajjiżna u għad-demokrazija, skont iċ-ċirkostanzi partikolari u tal-istorja. Persuni li ma jaċċettaw qatt li demmhom isir ta' xi kulur partikolari b'mod predestinat tul ħajjithom kollha.**

**Dan huwa moviment li huwa partikolarment miftuħ għal kull min lest li jitgħallem, għal dawk li jissejħu *life long learners*, persuni li mhumiex statiċi, iżda persuni dinamiċi, dejjem lesti li jitgħallmu u bħala riżultat jevolvu kontinwament. Dan huwa l-karattru partikolari tal-moviment, karattru mhux daqshekk komuni fix-xenarju tipiku politiku Malti, li huwa normalment iddominat minn partiġġjaniżmu estrem u battibekki polarizzati li xebbgħu lil diversi Maltin u Għawdxin. Aħna tip ta' ċittadini li nippreferu nħarsu 'l quddiem, b'mod progressiv, b'mod li jibni fuq it-tajjeb li diġa' nbeda minn gvernijiet preċedenti.**

**Nixtiequ naraw lil dan il-pajjiż jimxi 'l quddiem sal-punt li jekk l-oppożizzjoni (apparti li tikkritika), tkun anki kapaċi toħroġ bis-soluzzjonijiet, il-gvern jilqagħhom b'mod pożittiv u mingħajr diffikulta' jirrikonoxxi pubblikament minn fejn waslet is-soluzzjoni.**

**Bħala Progressivi nixtiequ niltaqgħu u naħdmu ma' persuni li apparti li jidenitifikaw il-problema, ikunu kappaċi jipprovdu s-soluzzjonijiet, nixtiequ naħdmu id f'id ma' min ma jeħilx fil-fażi tat-tgergir u ma' min hu lest li jxammar il-kmiem u jaħdem biex jipprovdi s-soluzzjonijiet permezz tal-kreattivita', l-applikazzjoni tal-intelligenza u tal-innovazzjoni.**

**F'dan il-punt tajjeb niċċaraw li bħala parti mill-moviment m'għandna xejn kontra min jagħżel li jappoġġja partit partikolari. Fil-fatt aħna nammiraw lil dawk il-persuni li avolja jappoġġjaw partit partikolari, xorta waħda jħaddnu l-kapaċita' psikologika u emozzjonali, li jidħlu fi djalogu bilanċjat u moderat ma' persuni li jħaddnu fehmiet politiċi differenti.**

**Jekk inti persuna proattiva, pożittiva, libera mill-'psyche partiggjan' u l-iktar li jinteressak huwa li twassal għall-progress, mela iva, il-Moviment tal-Progressivi u l-Moderati huwa darek. Żomm kuntatt magħna permezz tas-sit elettroniku www.progress.org.mt, l-inidirizz elettroniku contact@progress.org.mt jew in-numru ċellulari 999 777 78.**